MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Numru 15/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Alexander P Miruzzi)**

**Vs**

Publius Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Publius Zammit ta’ karta ta’ identita’ numru 114468(M), akkuzat talli:

Fl-20 ta’ Settembru, 2005 u/jew fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa jigifieri senter tal-marka Beretta b’numru ta’ serje mhassar, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex imexxihom.

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Beretta b’numru ta’ serje mhassar jew munizzjon, xort’ohra milli b’licenzja, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjoni ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li jkun ta dak l-avviz.

Fl-istess data, lok, u cirkostanzi kien qed iggorr arma tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 22 ta’ Lulju, 1996, kif ukoll sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 2.8.96; 21.5.97; 10.5.00; 29.1.02 u 1.6.04 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jinkwadraw f’reati taht l-Kap 66 u ghalhekk jaqghu taht kompetenza originali ta’ din il-Qorti.

L-imputat qieghed volontarjament u nkondizjonatament jammetti l-akkuzi.

In via ta’ piena u fuq l-iskorta tal-ammissjoni tieghu qeghdha ssibu hati tal-akkuzi. Rat l-Artikolu 3, 9, 26 tal-Kap 66 u l-Artikolu 49, 50, 17 u 31 tal-Kap 9 u tikkundannah sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) tal-Kap 9 qeghdin jigu sospizi ghal erba’ snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor f’dan il-perjodu hekk sospiz.

Tordna wkoll l-konfiska tal-arma esebita formalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------